# L-Istruttura tad-Dejn tal-Gvern Ġenerali: 2023

NR102/2024 Data tal-Ħruġ: 03 ta' Ġunju 2024

*Fi tmiem l-2023, id-Dejn tal-Gvern Ġenerali kien ta' €9,767.8 miljun, jew 50.4 fil-mija tal-PDG, li huwa żieda ta' €768.1 miljun fuq l-2022.*



Fl-2023, il-qasam tal-Korporazzjonijiet Finanzjarji kellu l-akbar sehem fid-Dejn tal-Gvern b'54.6 fil-mija. Dan kien segwit mill-Bqija tad-Dinja b'sehem ta' 21.8 fil-mija. Is-sehem fid-dejn tal-unitajiet domestiċi u tal-Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISH) laħaq il-21.6 fil-mija, li huwa żieda ta' 2.6 punti perċentwali meta mqabbel mad-dejn li kellhom fl-2020. Il-qasam tal-Korporazzjonijiet Mhux Finanzjarji kellu 2.0 fil-mija tad-dejn. Bejn l-2020 u l-2023, il-qasam tal-Bqija tad-Dinja kellu l-akbar żieda fiż-żamma tad-dejn tal-Gvern, b'żieda ta' 3.7 punti perċentwali. Għall-kuntrarju ta' dan, iż-żamma tad-dejn mill-Korporazzjonijiet Finanzjarji naqas b'6.1 punti perċentwali (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Id-dejn tal-Gvern Ġenerali




It-titoli tad-dejn, li jinkludu l-Istokks tal-Gvern ta' Malta u l-Kambjali tat-Teżor, huma l-istrument tad-dejn ippreferut mill-Gvern, bi €8,371.4 miljun, jew 85.7 fil-mija, tad-dejn kollu fl-2023. Strumenti oħrajn tad-dejn huma s-Self u l-Munita b'9.6 fil-mija u b'4.7 fil-mija, rispettivament. L-akbar żieda kienet irreġistrata fit-Titoli tad-Dejn, b'żieda ta' €952.2 miljun fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta, mentri l-akbar tnaqqis kien fil-Kambjali tat-Teżor bi tnaqqisa ta' €243.7 miljun (Tabella nru 2).

## Ċart nru 2. Detenturi tad-dejn bil-qasam istituzzjonali (%)




## Ċart nru 3. Id-dejn bl-istrument finanzjarju




## Ċart nru 4. Id-dejn nominali mqabbel mad-dejn tas-suq

€ miljuni




Kważi d-dejn kollu li l-Gvern għandu jagħti qiegħed fil-munita nazzjonali. L-istokk tad-dejn f'muniti barranin naqas b'mod konsiderevoli matul is-snin (Tabella nru 3).

L-ispiża apparenti tad-dejn, li hija r-rata tal-imgħax applikabbli fuq id-dejn nominali kollu, kienet ta' 2.3 fil-mija fl-2023, meta mqabbla mal-1.9 fil-mija fl-2022. Dan il-qies tal-ispiża tad-dejn jirrifletti r-rati tal-imgħax fiż-żmien meta jkun sar it-tislif (Tabella nru 4).

Fl-2023, id-dejn tal-Gvern fis-suq kien stmat li jiswa mad-€9,407.7 miljuni, mentri l-valur nominali kien ta' €9,767.8 miljun. Dan it-tnaqqis fil-valur tas-suq tad-dejn seħħ minħabba l-inflazzjoni u ż-żieda fir-rati tal-imgħax (Tabella nru 5).

Fis-sena ta' riferenza, l-istruttura taż-żmien tad-dejn skont il-maturità inizjali turi li €2,845.0 miljun, jew 29.1 fil-mija, tad-dejn kien ħareġ b'maturità ta' bejn 15 u 30 sena. Wara dan, kien hemm id-dejn li jagħlaq fi żmien ta' minn sena sa ħames snin (20.8 fil-mija), ta' minn seba' sa għaxar snin (16.7 fil-mija), ta' minn 10 sa 15-il sena (11.2 fil-mija), ta' minn ħames snin sa seba' snin (11.2 fil-mija), ta' inqas minn sena (7.0 fil-mija) u ta' aktar minn 30 sena (3.9 fil-mija) (Tabella nru 6).

Id-dejn sħiħ tal-2023, kien baqagħlu medja ta' tmien snin u xahar sabiex jagħlaq, li huma tliet xhur anqas minn dak fl-2022. Fl-2023, il-biċċa l-kbira tad-dejn, €3,149.7 miljun, kien baqagħlu bejn sena u ħames snin sabiex jagħlaq. Warajh, kien hemm dak b'maturità ta' bejn sebgħa u għaxar snin (€1,847.4 miljun) u dak b'maturità ta' bejn 15 u 30 sena (€1,481.4 miljun) (Tabella nru 7).

## Ċart nru 5. Id-dejn bil-maturità inizjali u b'dik li baqagħlu

€ miljuni




Fl-2023, il-garanziji tal-Gvern fuq is-self kienu jlaħħqu l-€1,142.2 miljun, jew 5.9 fil-mija tal-PDG. Dan huwa tnaqqis €17.9 miljun fuq l-2022. L-akbar għadd ta' garanziji tal-Gvern kienu maħruġin għall-qasam tal-Korporazzjonijiet Mhux Finanzjarji, li kienu jgħoddu 66.2 fil-mija tal-garanziji kollha. L-oqsma tal-Korporazzjonijiet Finanzjarji, tal-Bqija tad-Dinja, u tal-NPISH ingħataw 29.8, 3.4 u 0.6 fil-mija ta' dawn il-garanziji, rispettivament. Il-garanziji tal-Gvern huma obbligazzjonijiet kontinġenti għal dak li jista' jinqala', u għalhekk ma humiex inklużi mad-dejn tal-Gvern (Tabella nru 8).

Iċ-ċifri tad-dejn tal-Gvern li qed jiġu rrappurtati f'din l-istqarrija jaqblu man-notifika tal-EDP ta' April 2024 kif maħruġa fl-Istqarrija tal-Aħbarijiet Nru 070/2024 bid-data tat-22 ta' April.

## Ċart nru 6. Il-benefiċjarji tal-garanziji tal-Gvern bil-qasam istituzzjonali

